**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 4 ta' Dicembru 2017**

**Rikors Numru 75/2016**

**Natalya Kopytova**

**Vs**
**Ministru tal-Finanzi (bhala responsabbli mit-Trasferimenti ta' Residenza u Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur)**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Natalya Kopytova**ipprezentat fid-9 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu ippremettiet s-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-esponenti hija ta' nazzjonalita' Russa u proprjetarja tal-vettura tal-marka Honda Jazz bin-numru ta' reġistrazzjoni T054CK150;*

2. *Illi fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016), l-esponenti waslet mir-Russju bil-vettura tagħha flimkien ta' żewġha Eduard Maliavan u dan peress li żewġha kellu offerta ta' impjieg ma' soċjeta' Maltija;*

3. *Illi peress li l-esponenti kienet taf li l-koppja kienu ser iqattaw perjodu f'Malta minħabba l-impjieg ta' żewġha huma indagaw minn qabel ma ġew Malta x'għandu jsir sabiex tkun tista' zzomm din il-vettura gewwa Malta u tibbenefika mill-eżenzjoni mill-ħlasijiet ta' reġistrazzjoni. Filfatt fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju elfejn u sittax (2016), qabel il-wasla tagħhom hawn Malta. żewġ l-esponenti talab kjarifika tal-proċedura lil Trasport Malta, permezz ta' korrispondenza elettronika, hawn annessa u mmarkata bħala '**DOK NK1**'. Di fatti, kif jidher mill-korrispondenza esebita, l-*

*esponenti giet infurmata li kemm –il darba hi u r-ragel taghha kienu ser joqoghdu Malta għal perjodu temporanju ghal raguni ta' xoghol, allura wiehed seta' japplika ghall-permess temporanju biex wiehed ikun jista juza' il-pjanci barranin f'Malta stess;*

4. *Illi wara l-wasla tagħhom Malta, fl-erbatax (14) ta' Lulju, 2016 l-esponenti għamlet kuntatt mal-Land Transport Directorate fejn ġiet infurmata li kellha tistenna l-ħruġ tal-permess ta' residenza.*

5. *Illi di fatti, fis-seba' u għoxrin (27) ta' Awwissu, 2016 l-esponenti rċievew notifika mingħand id-Dipartiment ghac-Cittadinanza u għall-Expatriates li tikkonferma li l-ħruġ tas-Single Permit lil żewġ l-esponenti u per konsegwenza r-residenza tal-esponenti. Sa dakinhar ir-residenza tal-esponenti ma kinitx ghadha konfermata. Wiehed irid jirrimarka n-notifika kienet dsatax (19) t' Awwissu 2016 pero' in-notifika per se waslet biss fis-seba' u għoxrin (27) ta' Awwissu, 2016;*

6. *Illi permezz ta' korrispondenza datata tnax (12) ta' Settembru, 2016, liema korrispondenza hija annessa u mmarkata bħala "**Dok NK2**", rapprezentat iehor ta' Transport Malta informa lir-ragel tal-esponenti li gialadarba sid il-vettura kellha fil-pussess taghha residenza Maltija, allura ma kinitx eligibbli ghall-permess temporanju;*

7. *Illi l-għada tal-korrispondenza tat-tnax (12) ta' Settembru, 2016 l-esponenti u żewġha marru l-uffiċini tal-Land Transport Directorate u din id-darba reggħu rċevew informazzjoni kunfliġġenti u ġew infurmati li kienu eliġibbli għal permess termporanju. Di fatti, l-esponenti applikat għal permess temporanju.*

8. *Illi in vista tal-informazzjoni kunfliġġenti l-esponenti reġgħet talbet kjarifika oħra wara l-applikazzjoni tagħha u din id-darba reġgħet ingħatat informazzjoni differenti tant li fl-għoxrin (20) ta' Settembru, 2016 l-esponenti effettivament ressqet applikazzjoni taht l-artiklu 19 tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta, liema applikazzjoni giet michuda fl-għoxrin (20) ta' Ottubru 2016 u dan peress li skont il-Bord tali applikazzjoni kellha ssir fi zmien tletin gurnata mid-data li l-vettura tasal Malta (kopja annessa u mmarkata "**Dok NK3**");*

9. *Illi l-esponenti ħassitha ferm aggravata b'din id-decizjoni peress li hija ħadet hsieb li tinforma ruħha fir-rigward tal-vettura mill-ewwel minn qabel il-wasla tagħha f'Malta u fil-korrispondenza annessa u mmarkata Dok NK2 li hija kienet irceviet mkien ma jissemma il-perijodu ta' tletin gurnata applikabbli ghal kaz taghha u ghalhekk hija thoss li giet svijata kompletament bil-kontenut ta' din l-email flok bil-maqlub;*

10. *Illi l-esponenti ssostni li hi tikkwalifika ghal din l-esenzjoni propju ghaliex hija tissodisfa ddisposizzjonijiet kollha tal-artiklu 4 fl-Avviz Legali 6 tal-2012 u r-regola 4(3)(e) li giet applikata mill-intimat ma ghandiex issa tintuza biex din l-esenzjoni ma tinghatax meta listess dipartiment qatt ma gibed l-attenzjoni tar-rikorrenti dwarha;*

11. *Illi in oltre, ir-Regolament 4(3)(e) in kwistjoni jistabillixxi li l-eżenzjoni tingħata "meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun diġa' waslet Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin*

*ġurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha f'Malta".*

12. *Illi għaldaqstant, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tissottometti li meta ħadet konjizzjoni tal-fatt illi kien di fatti ħarġilha permess ta' residenza, ċioe' seba' u għoxrin (27) ta' Awwissu 2016 hija applikat entru tletin (30) jum u ċioe' għoxrin (20) ta' Settembru, 2016*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti qed tressaq dan ir-rikors odjern quddiem dan it-Tribunal u titlob illi:*

1. *Jigi dikjarat li d-decizjoni mehuda mill-intimat hija zbaljata;*
2. *In vista tas-suespost, tigi mhassra u revokata in toto din id-decizjoni;*
3. *Jigi dikjarat illi l-vettura in kwistjoni u cioe Honda Jazz bin-numru ta' reġistrazzjoni T054CK150 tigi esentata mit-taxxa ta' registrazzjoni u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Ligi fir-rigward."*

Ra d-digriet tal-4 ta' April 2017 li permezz tieghu ammetta fl-atti r-risposta tal-Ministru intimata pprezentata fit-23 ta' Jannar 2017;

Ra r-risposta tal-**Ministru tal-Finanzi** ipprezentata fit-23 ta' Jannar 2017 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-artikolu* ***181B (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta****;*

*Illi dan premess l-esponent qua appellat sejjer bil-preżenti risposta jwieġeb għar-rikors tal-appell interpost mill-appellanti Natalya Kopytova li permezz tiegħu talbet lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiġi dikjarat li d-deċiżjoni meħuda mill-intimat hija żbaljata, tiġi mħassra u revokata in toto, u jiġi dikjarat illi l-vettura in kwistjoni u ċioe Honda Jazz bin-numru ta' reġistrazzjoni T054CK150 tiġi eżentata mit-taxxa ta' reġistrazzjoni;*

*Illi l-appell devolut quddiem dan l-Onorabbli Tribunal huwa prinċipalment mfassal fuq l-aggravju li r-rikorrenti ssottomettiet l-applikazzjoni għall-eżenzjoni oltre t-terminu statutorju previst fir-regolament* ***4(3)(e) tal-L.S. 368.01*** *għaliex hija ġiet żgwidata mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta;*

*Illi l-esponent jirrileva li huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward ta' dak li qed jiġi allegat mir-rikorrenti li wettqet l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għaliex il-Ministeru tal-Finanzi huwa totalment distint mill-Awtorità tat-Trasport f'Malta u għalhekk anqas hu edott mill-fatti tal-każ f'dak ir-rigward;*

*Illi r-regolament* ***4(3)(e) tal-L.S.368.01*** *jeżiġi li biex vettura tikkwalifika għall-eżenzjoni, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħħha f'Malta u mhux, kif erronjament sottomess fil-premessa 8 tar-rikors promotur ipreżentat mir-rikorrenti, mid-data li l-vettura tasal Malta;*
*Illi huwa fatt inkontestat li r-rikorrenti issottomettiet l-applikazzjoni tagħha, hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. A****, fl-20 ta' Settembru 2016, iġifieri ferm wara t-terminu kontemplat fir-****regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01*** *u ċioè dak ta' tletin jum mit-3 ta' Awwissu 2016 li hija*

*d-data li fiha r-rikorrenti stess iddikjarat fl-applikazzjoni sottomessa minnha li trasferiet r-residenza tagħha f'Malta;*

*Illi għalhekk l-esponent appellat ma kellux triq oħra ħlief josserva l-obbligu mpost fuqu permezz tar-**regolament 4(4)(a) tal-istess L.S 368.01** li ma jagħtix l-eżenzjoni;*

*Illi dan l-Onorabbli Tribunal m'huwiex il-forum appożitu li quddiemu r-rikorrenti għandha tilmenta fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' good governance min naħa tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta;*

*Illi tabilħaqq, ir-rikorrenti kellha se mai tistiwixxi dik l-azzjoni li ttija l-liġi kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u mhux kontra l-Ministru appellat u dan għaliex l-esponent fid-deċiżjoni tiegħu ċertament ma jista qatt jinjora l-kelma tal-liġi kif provduta fl-imsemmija **regolamenti 4(3)(e) u 4(4)(a) tal-L.S. 368.01** irrispettivament jekk r-rikorrenti appellanti ġietx tassew żgwidata o meno mill-imsemmija Awtorità;*

*Illi dan il-prinċipju ġie senjalat fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' April 2008 fl-ismijiet ta' **Joe Hales vs Direttur tas-Sigurtá Soċjali** fejn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell rrilevat s-segwenti:*
*"F' termini riġidament legalistici meta liġi tippreskrivi l-mod u terminu għall-prosegwiment ta' xi dritt, ma jistax, imbagħad, il-parti jippretendi illi għan-nuqqas tiegħu li josserva dik l-modalita jew li jottempera ruhu fit-terminu preskritt huwa għandu xorta waħda jikkonsegwi l-benefiċċju intier ta' dak id-dritt pretiz minnu. Jinsab,difatti, ritenut illi "jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jkun jintitolah jeżerċita dritt u jħalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi mingħajr ma jaġixxi għad-dritt tiegħu …allura t-titolar tad-dritt jista' jitqies fiċ-ċirkustanzi kongruwi li jkun irrinunzja għall-prosegwiment ta' dak id-dritt". Ara "**Carmelo Calleja -vs- Carmelo Sciortino**", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 30 ta' Novembru, 1971, per Imħallef Maurice Caruana Curran. Ma' dan hu akkoppjat il-prinċipju l-ieħor illi f' kull każ l-pretendent tad-dritt kellu għal dak l-istess stat ta' fatt jaġixxi skond il-liġi. **Dan għaliex, kif saput, l-injoranza ta' liġi li tkun fis-seħħ ma tistax titqies skuzabbli**;*

*Il-Qorti tista' tkompli fuq dan il-binarju ta' ħsieb billi żżid, dejjem mill-punto di vista purament legalistiku, illi ebda valur ġuridiku ma tista' tingħata lill-konsiderazzjoni illi dik l-injoranza tal-liġi tista' twassal għall-konsegwenzi serji u inikwi. Opportunement, pero`, tajjeb jiġi reġistrat ukoll, għas-sens ta' ġustizzja li wieħed lejha għandu dejjem jaspira, il-ħsieb sekolari illi "la presunzione che il cittadino conosce la legge non dev' essere troppo spinto ed indistintamente sempre applicata" ("**Maria Xuereb -vs- Lorenzo Mifsud**", 27 ta' Jannar 1886, Vol. XI pagna 29); Dan qed jiġi rilevat għaliex fil-kazijiet in ispecje, trattasi ta' beneficcju għal liema l-kontribwent hu intitolat ghall-fatt tas-sodisfaċiment tal-kontribuzzjonijiet minnu mħallsa, jidher li l-istess Dipartiment irrikonoxxa l-opportunita, jekk mhux ukoll id-dover tar-rapport prevedenzjali, illi jibgħat javża lill-kontribwent bl-intitolament tiegħu. Prassi din indiskutibilment tajba ta' dik il-customer care li ttendi biex toffri lill-kontribwenti l-assistenza u gwida għall-kisba tad-drittijiet tiegħu;*

***Magħdud dan, din il-Qorti lanqas ma tista', imbagħad, tinjora l-kelma tal-liġi għax, kif ukoll ritenut, "appartenendo al potere giudiziario la sola applicazione delle leggi ai casi speciali che formano oggetto delle controversie, non è di sua competenza d' incaricarsi delle consequenze che ne derivano da siffatte applicazioni" ("Gollcher -vs-Ostman", Qorti tal-Kummerċ, 1 ta' Marzu, 1866);*** *" (sottolinear tal-esponent appellat);*

*Illi detto questo l-esponenti jixtieq jirrileva li filwaqt li wieħed jista jiddikjara li huwa beda joqgħod Malta f'data qabel id-data tal-ħruġ tad-dokument ta' residenza, ċertament wieħed ma jistax min lewn id-dinja jiddikjara li huwa kien se jibda joqgħod f'Malta f'data wara d-data ta' ħruġ ta' tali dokument bħal kif donna qed tikkontedni r-rikorrenti fil-premessa numru 12 tar-rikors promotur ipreżentat minnha (ara d-dokument ta' residenza tar-rikorrenti hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok. B****);*

*Illi jiġi rilevat ukoll li dak stipulat fir-regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01 jinstab rifless fl-istess formola ta' applikazzjoni għall-eżenzjoni li mliet ir-rikorrenti stess fil-parti A ta' taħt it-titolu "Information on Applicability" fejn hemm speċifikat li "where a vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption has to be made by the person transferring the residence within* ***30 days*** *from the date on which that person had transferred his residence to Malta.";*

*Illi di più jiġi rilevat li fl-istess formola ta' applikazzjoni fil-parti D ta' taħt it-titolu "Owner Declaration", ir-rikorrenti ffirmat id-dikjarazzjoni kontenuta fl-istess li tgħid li hija qrat id-dispożizzjonijiet legali tal-Avviż Legali 440 tal-2013 u ċjoè l-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01. Isegwi li r-rikorrenti ssottomettiet l-applikazzjoni tagħha b'għarfien sħiħ ta' dak li jipprovdi r-regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01;*

*Illi fid-dawl ta' dak fuq espost joħroġ li l-aggravju mqajjem mir-rikorrenti appellanti ma huwiex attendibbli u għalhekk għandu jiġi respint;*

*GĦALDAQSTANT, in vista ta' dawn ir-raġunijiet, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talbiet tal-appellanti bl-ispejjeż kontra tagħha."*

Ra l-affidavit tar-rikorrenti u ta' zewgha;

Sema' x-xhieda ta' Francis Attard;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

## Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 20 ta' Ottubru 2016 li permezz taghha giet mgharrfa bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4(3)(e) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which the person had transferred his residence to Malta".*[1]

Illi **r-rikorrenti** xehdet illi hija u zewgha gew Malta peress li zewgha kien offrut impjieg ma' Kumpanija Maltija. Tispjega li fl-2016 huma ddecidew li jittrasferixxu r-residenza taghhom hawn Malta. Tispjega li qabel ittrasferew ir-residenza taghhom hawn Malta huma talbu informazzjoni minghand l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta fejn gew infurmati li kellhom japplikaw ghal permess temporanju biex ikunu jistghu jiccirkolaw bil-vettura. Madankollu, sussegwentement, gew infurmati li *siccome*` huma kellhom permess ta' residenza ma setghux japplikaw ghal permess temporaju. Tghid li fit-13 ta' Settembru 2016 hija, flimkien mar-ragel taghha, marru l-ufficini ta' Transport Malta fejn gew infurmati li setghu japplikaw ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni fejn gew ukoll moghtija l-applikazzjoni u informazzjoni dwar x'dokumenti kellhom jissottomettu. Eventwalment, l-applikazzjoni kompluta giet sottomessa fl-20 ta' Settembru 2016. Ix-xhud tispjega illi sas-27 ta' Awissu 2016 hija ma kinitx taf jekk kinitx jew le ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta peress li kienet ghadha ma rcevietx is-*Single Permit* biex tirrisjedi hawn Malta.

**Eduard Malyavin**, zewg ir-rikorrenti, stqarr illi fl-2015 huwa kien ircieva offerta ta' xoghol ma' Kumpanija Maltija. Ghaldaqstant huwa beda jipprova jikseb xi taghrif kif seta' jiccirkola bil-vettura registrata f'isem martu hawn Malta. Fit-23 ta' Mejju 2016 huwa baghat *e-mail* lil Transport Malta ghall-informazzjoni fejn giet infurmat illi jekk huwa kien se jirrisjedi hawn Malta b'mod temporanju allura seta' japplika ghal permess temporanju fuq il-formula VEH22 biex ikun jista' jiccirkola bil-vettura bi pjanci barranin. Madankollu gie infurmat ukoll illi jekk ma kienx se joqghod Malta b'mod temporanju allura kellu jirregistra l-vettura tieghu skond dokument anness mal-istess *e-mail*.

Jispjega li *siccome*` fiz-zmien li rcieva din l-*e-mail* huma kienu se jirrisjedu hawn Malta temporanjament huwa haseb li ried jimla l-formula VEH22. Jghid li nel frattemp il-Kumpanija li kienet se timpjegah applikatlu ghas-*Single Permit* u dan qabel ma huwa wasal Malta fl-14 ta' Lulju 2016. Jghid li sussegwentement huwa mar l-Agenzija Identity Malta biex jiffinalizza l-proceduri tas-*Single Permit* ghalih u l-permess ta' residenza ghal martu. Huwa fehem li sakemm martu jkollha l-permess ta' residenza f'idejha ma setghax japplika ghar-registrazzjoni tal-vettura.

[1] Dok NK3 a fol. 10

Jispjega li fis-27 ta’ Awissu 2016 huwa rcieva notifikazzjoni sabiex imur jigbor is-Single Permit. Ghaldaqstant huwa rega’ cempel l-ufficini ta’ Transport Malta pero` jirrizulta li ma kienx daqshekk car jekk kellux japplika skond il-formula VEH22. Ghalhekk fid-9 ta’ Settembru 2016 huwa kiteb lil Transport Malta fejn infurmahom li huma kienu rcevew il-permess ta’ residenza u talabhom xi procedura jrid isegwi biex jirregistra l-vettura. In risposta, l-Awtorita` infurmathom li siccome` kellhom permess ta’ residenza allura riedu japplikaw bil-formula VEH07, u cioe`, ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni. Jispjega li fit-13 ta’ Settembru 2016 regghu marru ghand Transport Malta u rcevew informazzjoni kunfliggenti in kwantu gew infurmati li kellhom jimlew il-formula VEH22 ghal permess temporanju, liema applikazzjoni fil-fatt issottomettew. Stante li baqghu imhassba, l-ghada regghu marru l-ufficini ta’ Transport Malta fejn gew mgharrfa li ma setghux japplikaw ghal permess temporanju imma setghu japplikaw ghall-ezenzjoni, liema applikazzjoni giet sottomessa fl-20 ta’ Settembru 2016.

**Francis Attard**, Cermen tal-Bord, spjega illi fl-applikazzjoni *de quo* ir-rikorrenti kienet iddikjarat li l-vettura taghha waslet Malta fl-14 ta’ Lulju 2016 u li hi ttrasferiet ir-residenza taghha fit-3 ta’ Awissu 2016. Jispjega li ladarba l-vettura kienet diga waslet hawn Malta meta r-rikorrenti ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta, hija kellha perjodu ta’ tletin gurnata mid-data tat-trasferiment tar-residenza biex tapplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi jirrizulta illi r-rikorrenti waslet hawn Malta fl-14 ta’ Lulju 2016 flimkien mal-vettura in kwistjoni. Jirrizulta wkoll illi zewgha kien ikkomunika mal-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta precedentement ghall-wasla taghhom hawn Malta biex jivverifika dwar x’proceduri kellu jsegwi biex ikun jista’ jiccirkola bil-vettura ta’ martu hawn Malta. Huwa gie nfurmat li jekk kien se joqghod hawn Malta b’mod temporanju huwa kellu jimla formula VEH22. Madankollu, irrizulta illi sussegwentement huwa u martu gabu permess ta’ residenza u ghalhekk ma baqghux iktar ikkunsidrati bhala residenti temporanji izda bhala li ttrasferew ir-residenza taghhom hawn Malta u kwindi riedu jirregistraw il-vettura taghhom mal-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta b’dana illi setghu jikkwalifikaw ghal ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni.

Illi biex wiehed jikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni wiehed irid jissodisfa numru ta’ kriterji, fosthom illi japplika ghall-ezenzjoni fi zmien tletin (30) gurnata minn meta huwa jittrasferixxi r-residenza tieghu hawn Malta jekk il-vettura tkun diga qieghda hawn Malta fil-mument tat-trasferiment tar-residenza. Illi minn dak dikjarat fl-applikazzjoni ghall-ezenzjoni jirrizulta illi r-

rikorrent iddikjarat illi hija ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta fit-3 ta' Awissu 2016. Kwindi hija kellha zmien tletin (30) gurnata mit-3 t'Awissu 2016 biex tissotometti l-applikazzjoni taghha. Jirrizulta pero` li l-applikazzjoni giet sottomessa fl-20 ta' Settembru 2016.

Illi certament l-applikazzjoni kienet wahda tardiva u ghalhekk il-Bord kien korrett li meta evalwa l-informazzjoni sottomessa ma sabx li r-rikorrenti tikkwalifika ghall-ezenzjoni. Madankollu it-Tribunal japprezza wkoll illi r-rikorrenti inghatat informazzjoni kunfliggenti, pero` dan mhux interament tort tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Jirrizulta illi l-ewwel indagni li beda jaghmel zewg ir-rikorrenti kienet abbazi tal-fatt li huma kienu gejjin joqoghdu hawn Malta b'mod temporanju u l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tathom informazzjoni korretta ta' kif setghu jiccirkolaw bil-vettura taghhom hawn Malta. Huwa biss sussegwentement, u cioe` meta huma ottjenew il-permess ta' residenza li nbidel ix-xenarju kollu. U dan ghaliex una volta li kisbu l-permess ta' residenza huma kellhom jirregistraw b'mod normali l-vettura in ezami. Illi ghalhekk ma jirrizultax illi l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, ghallinqas mill-*e-mails* esebiti, b'xi mod zgwidat lir-rikorrenti. Jista' jkun pero` li meta r-rikorrenti u zewgha marru personalment l-ufficini ta' Transport Malta fit-13 ta' Settembru 2016 huma gew zgwidati ghaliex gew mgharrfa illi xorta setghu japplikaw ghal permess temporanju biex jiccirkolaw bil-vettura mentri l-ghada gew infurmati minn impjegati tal-istess Awtorita` li ma kinux jikkwalifikaw ghal permess temporanju izda riedu japplikaw ghall-ezenzjoni.

Illi minkejja din il-konfuzjoni kollha, xorta jibqa' l-fatt illi r-rikorrenti kellha tletin (30) gurnata minn meta hija ttrasferiet ir-residenza taghha, u cioe` t-3 t'Awissu 2016, biex tapplika ghall-ezenzjoni. Jirrizulta li dan ma sarx. Biss biss fid-9 ta' Settembru 2016 jirrizulta illi r-rikorrenti u zewgha kienu ghadhom mhux cari x'tip ta' applikazzjoni riedu jissottomettu.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-Bord mexa korrettement u t-Tribunal ma jsib xejn x'jista' jiccensura mid-decizjoni tieghu. Illi dan it-Tribunal, filwaqt li japprezza li seta' kien hemm xi diffikultajiet da parti tar-rikorrenti biex taghraf ezatt xi triq kellha tiehu, ma jistghax jarroga fuqu xi diskrezzjoni li l-ligi ma taghtihx. **Madankollu, t-Tribunal jixtieq jirrileva illi huwa ma jaqbel xejn ma' kif qed jizvolgu l-affarijiet meta wiehed japplika ghall-ezenzjoni *de quo*.** Jirrizulta illi l-ewwel kuntatt li applikant qieghed ikollu hu mal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u li l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni nnifisha u l-informazzjoni necessarja tinghata mill-ufficini tal-istess Awtorita`. **Illi fil-fehma tat-Tribunal din hija prattika hazina u dan ghaliex, kif riskontrat anke f'appelli ohra, l-applikanti jista' jkun li qeghdin jinghataw informazzjoni mhux daqshekk preciza mill-impjegati tal-istess Awtorita`.** Jirrizulta illi wara li l-applikazzjoni tigi sottomessa ghand l-Awtorita` intimata, l-istess

Awtorita` da parti taghha tghaddiha lill-Ministeru tal-Finanzi. **Illi t-Tribunal jawspika illi din il-prassi tigi riveduta fis-sens illi kull min irid jikseb informazzjoni dwar ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ghandu jiksibha mill-Ministeru tal-Finanzi u mhux mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta stante li hu biss il-Ministeru intimat li jiddeciedi dwar tali applikazzjoni tramite l-Bord mahtur appozitament. Illi ghaldaqstant ikun ghaqli li tali applikazzjonijiet jibdew jigu ricevuti mill-Ministeru tal-Finanzi biex b'hekk applikant ikun jista' jinghata l-informazzjoni mitluba korretta. Ghal dan il-ghan it-Tribunal qieghed jordna notifika ta' din is-sentenza lill-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment u lill-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali.**

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni stante li llum hija sorvolata, jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tal-Ministru intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**